**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Robert Galea**

**Kaz Nru: 280/2016**

**Illum 11 ta' Lulju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Robert Galea ta' 35 sena, bin Joseph u Mary Grace nee' Dalli imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Mejju 1981, u joqghod temporanjament fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew numru 4, Triq it-Tramuntana, Birgu u detentur tal-karta tal-identita numru 229581M.

Akkuzat talli fl-20 ta' Frar 2016 ghal habta ta' 11:45 a.m., minn gewwa l-fond Vision Opticians li jinsab fi 350 Triq Haz Zabbar Fgura, ikkommetta serq ta' zewg nuccalijiet tax-xemx tal-ghamla 'Oakley' u 'Rayban' u/jew oggetti ohra ghal valur ta' madwar 427 ewro liema serq hu aggravat bil-valur (mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu) u mezz

ghad-detriment ta' Helena Mamo u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

Ukoll tallli fi zminijet wara l-20 ta' Frar 2016 f'Bormla u/jew dawn il-gzejjer xjentement ilqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indhalt sabiex tbieghhom jew tmexxiehom.

Ukoll talli irrendejt ruhek recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definitivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex da nil-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017, il-Prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-mezz invista li mill-provi prodotti dan l-aggravju ma rrizultax.

Rat li l-imputat fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2017 irregistra ammissjoni u li fis-seduta tat-18 ta' April 2018 huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat il-pre-sentencing report u semghet lill-Ufficjal tal-Probation.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi kif inghad l-aggravju tal-mezz gie rtirat billi ma rrziultax ippruvat.

Illi apparti l-ammissjoni tal-imputat, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rrizulta li minghajr ebda dubju l-imputat fl-20 ta' Frar 2016 wara nofsinhar dahal fil-hanut tal-Vision Opticians, f'Zabbar Road, Fgura u seraq zewg nuccalijiet. Infatti gew prezentati in atti CCTV footage u stills mill-istess. Gie ppruvat ukoll li l-valur komplessiv tan-nuccalijiet kien ta' €569 retail price u kienu nxtraw nofs dak il-prezz. Irrizulta wkoll li huwa biegh dawn in-nuccalijiet lil terza persuna u dan anki gie ammess fl-istqarrija rilaxxjata minnu.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni li din ma hiex l-ewwel kundanna ghal serq, li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u l-fedina penali tieghu. Hekk kif jirrizulta mil-pre-sentencing report u mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation l-imputat ghadu ma hax bis-serjeta' biex jindirizza l-problema li ghandu u dan naturalment iwasslu biex jikser il-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni mill-aggravju tal-mezz, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c), 267, 279(a), 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hmistax-il xahar prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**